

IL-KLIMA U L-ENERĠIJA

1. Poġġi s-sorsi tal-enerġija fil-kategorija l-korretta:

RIĦNUKLEARISOLARIĠEOTERMALIFAHAMŻEJTGASS NATURALIMEWĠABIJOMASSA

FJUWILS FOSSILI

SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBILI

2. L-UE u l-Istati Membri tagħha stabbilixxew miri b'mod konġunt biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima, pereżempju billi jaqilbu minn fjuwils fossili għal forom ta' enerġija nodfa u rinnovabbli, itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, u jinkoraġġixxu d-dekarbonizzazzjoni tal-industriji. Fil-fatt, kienet l-ewwel ekonomija dinjija ewlenija li għamlet dan!

Tista' taqta' kemm pajjiżi tal-UE naqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-1990 'l hawn? Imla l-ispażji vojta:

61

20

23

40

L-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-UE fl-2018 kienu ___% l inqas mill-1990. L-ekonomija tal-UE kompliet tikber matul l-istess perjodu, b' ___%. Għalhekk, l-UE tidher fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis ta' ___% ta' emissjonijiet sal-2020.

Madankollu, kull pajjiż fid-dinja jeħtieġ li jnaqqas l-emissjonijiet u jikseb in-newtralità klimatika (emissjonijiet zero netti). L-UE u l-pajjiżi membri tagħha wiegħdu li se jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet sal-2030 (għal ___% taħt il-livelli tal-1990), u eventwalment jiksbu n-newtralità klimatika sal-2050.

IL-KLIMA U L-ENERĠJA

3. Veru jew falz? Ikkunsidra dawn is-sentenzi:

L-enerġija rinnovabbli issa tipprovdi kważi terz tal-elettriku tad-dinja. **VERU / FALZ**

L-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-UE tnaqqsu b'aktar minn 20% bejn l-1990 u l-2016. **VERU / FALZ**

Aktar minn erba' miljun persuna issa jaħdmu fis-"settur ekoloġiku" tal-UE, li jfisser li għandhom impjegi li jgħinu biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi. **VERU / FALZ**

L-UE timporta aktar minn nofs l-enerġija tagħha – madwar €700 miljun kuljum – mir-Russja. **VERU / FALZ**

Bejn l-2014 u l-2020, l-UE nefqet kwart tal-baġit tagħha fuq azzjoni relatata mal-klima. **VERU / FALZ**

4. Fil-futur, ħafna nies se jkollhom "impjegi ekoloġiċi" għax l-UE skopriet li huwa possibbli li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u li tipproduċi aktar flus meta tagħmel dan. L-impjegi ekoloġiċi huma ta' benefiċċju kemm għall-ekonomija kif ukoll għall-ambjent, u jinkludu kollox minn fjuwils alternattivi għal ikel b'toġhma tajba.

Bħala klassi, aħsbu dwar tipi differenti ta' impjegi ekoloġiċi – jew ivvintaw xi wħud ġodda! Hawnhekk issibu xi ideat:

- Inġinier tal-parki eoliċi
- Konservazzjonist
- Disinjatur urban
- Installatur tal-pannelli solari
- Espert tal-bijokarburanti

Taf xi ħadd li għandu xogħol ekoloġiku? Kuntent f'xogħlu?



5. Kemm hi effiċjenti l-klassi tagħkom fl-użu tal-enerġija? Hawn drabi nużaw aktar enerġija milli neħtieġu, speċjalment f'binj kbir bħal skejjet u blokko ta' uffidċji.

Bħala klassi, wettqu l-investigazzjoni li ġejja. Ħudu nota bir-reqqa tat-tweġibiet tagħkom.

Dawl

- o Kemm hemm bozoz tad-dawl?
- o Dawn huma bozoz tonni zġħar, jew tubi twal tad-dawl?
- o Kollha jkunu mixgħulin meta tkunu fil-klassi?
- o Kollha jintfew meta tħallu l-klassi?

Apparat li jaħdem bl-elettriku

- o Kemm hemm apparati li jaħdmu bl-elettriku? Dawn jistgħu jinkludu whiteboards intelliġenti, skrins tat-televiżjoni, eċċ.
- o Dawn ikunu mixgħula wkoll meta tkunu fil-klassi, jew jitħallew fuq standby sakemm ikunu meħtieġa?

Temperatura

- o Kejlu t-temperatura tal-arja.
- o L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) tirrakkomanda li t-temperatura tal-arja fuq ġewwa tkun bejn 18°C (64°F) u 20°C (68°F) – kif tikkompara ma' dan il-klassi tagħkom? Hemm differenza kbira bejn il-klassi tagħkom u r-rakkomandazzjoni tad-WHO?
- o Matul ix-xhur tas-sajf, il-fannijiet u/jew l-air conditioning jitħallew mixgħulin il-ħin kollu?
- o Matul ix-xhur tax-xitwa, l-apparat tat-tiħin jitħalla mixgħul il-ħin kollu?

- a. Ara t-tweġibiet tagħkom u, bħala klassi, oħorġu bi "grad" ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija" għall-klassi tagħkom.
- b. Jekk il-grad jista' jkun aħjar, oħorġu bi pjan ta' azzjoni li jgħin biex jiżdied il-punteġġ tagħkom! X'bidliet zġħar tistgħu tagħmlu biex ittejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tagħkom?
- c. Lil min tistgħu tkellmu jekk tridu tagħmlu aktar bidliet, forsi għall-iskola kollha tagħkom? Għandkom kunsill tal-istudenti li jaħdem dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà?
